1 ta' April, 1948.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Maestà Tiegħu r-Re (*)

*versus*

Vincent Cacciottolo

**Perizja — Spejjeż — Piena — Kompetenza — Art. 502 (1) u 527 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-kundanna ta' l-akkużat għall-ħlas ta' l-ispejjeż tal-ħatra ta' esperti u periti fil-proċeduri hija parti mill-piena; u għalhekk, jekk tinqala' kwistjoni dwar l-applikabilità ta' dik il-kundanna, dik il-kwistjoni hija dwar l-applikazzjoni tal-piena, u għalhekk toħroġ mill-kompetenza tal-Qorti Kriminali komposta minn Imħallef wieħed, u għandha tiġi deferita għall-konjizzjoni ta' dik il-Qorti komposta minn tliet Imħallfin.*

Il-Qorti, — Rat l-att ta' l-akkuża nru. 8544;

(*) Ara sentenza sussegwenti tas-6 ta' April 1948 (publikata).

Rat il-verdett tal-ġurati..............;

*Omissis;*

Tikkundanna lill-imsemmi Vincent Cacciottolo...........;

Kwantu għat-talba tal-Prosekuzzjoni, kontenuta fl-att ta' l-akkuża, għall-kundanna ta' l-akkużat għall-ispejjeż tal-ħatra ta' l-esperti u periti fil-proċeduri, skond l-art. 527 (1) Kap. 12;

Peress illi d-difiża kkontestat dina t-talba;

Peress li din hija parti mill-piena, u għalhekk il-kwistjoni li issa nqalgħet hija waħda dwar l-applikabilità tal-piena, li ma hijiex tal-kompetenza ta' dina l-Qorti komposta minn Imħallef wieħed, iżda għandha tkun deferita għall-konjizzjoni tal-Qorti komposta minn tliet Imħallfin, skond l-art. 502 (1) Kap. 12;

Għalhekk tħalli l-kawża, limitatament għal dina l-kwistjoni, għad-diskussjoni u deċiżjoni tagħha għal nhar it-Tlieta, 6 ta' April 1948, fid-9 a.m., quddiem dina l-Qorti komposta minn tliet Imħallfin.